MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT**
**ANTONIO GIOVANNI VELLA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2006

Numru 1072/2004

**IL-PULIZIJA**
**SPETTUR CARMELO ABDILLA**
**SPETTUR MARIO TONNA**

**VS**

**DEBORAH FARRUGIA**
**DAVID VELLA**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Deborah Farrugia, ta' 20 sena, imwielda tal-Pieta', nhar id-29 ta' Gunju, 1984, bint missier mhux maghruf u Dorothy nee' Farrugia, mart Ali u residenti gewwa Entratura E, Flat 7, Triq il-Konti G H Ciantar, Binja Vista Birkirkara, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 346284 (M)
U David Vella, ta' 26 sena, bin Emmanuel u Rosette nee' Farrugia, imwieled tal-Pieta' nhar it-18 ta' Lulju, 1978, u

residenti gewwa l-fond 311, Triq Patri A Tonna Barthet, Pembroke, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 345478 (M);

Akkuzati talli:

**Deborah Farrugia wahidha:**

B’diversi atti maghmulin, ukoll jekk fi zminijiet differenti, u li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Ligi u li gew maghmulin b’risoluzzjoni wahda, fix-xahar ta’ Novembru, 2004, gewwa l-Gzejjer Maltin u cioe’ gewwa Paceville u San Giljan:

Ikkommettiet serq minn diversi vetturi u cioe’ apparat tal-*hi-fi* u *stereos* liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin u xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur ta’ Artikoli 261, 263, 267, 270, 271(g), 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli kisret il-kundizzjonijiet imposti fuqha mill-Onorabbli Qorti, b’sentenza tal-Magistrat Dr Abigail Lofaro LL.D., li saret definittiva nhar is-16 ta’ April, 2004.

**David Vella u Deborah Farrugia, it-tnejn li huma akkuzati talli:**

Bejn il-25 ta’ Novembru, 2004 u s-26 ta’ Novembru, 2004, gewwa Triq il-Port Ruman, San Pawl il-Bahar, ikkommettew serq ta’ apparat ta’ *hi-fi* u *stereo* minn gewwa vettura CAA 767 tal-ghamla *Toyota Corolla* ghad-detriment ta’ Roberto Bonnici minn San Pawl il-Bahar, liema serq huwa aggravat bil-valur, mezz, hin, u xorta tal-haga misruqa, u dan bi ksur tal-Artikoli 261, 263, 267, 270, 271(g), 278, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

U aktar talli fl-istess data, hinijiet, u positjiet, taht l-istess cirkostanzi, volontarjament hassru, jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, meta ghamlu hsara fuq

vettura tal-ghamla *Toyoto Corolla* bin-numru tar-registrazzjoni CAA 767 ghad-dannu ta' Roberto Bonnici, minn San Pawl il-Bahar, u dan *ai termini* tal-Artikolu 325 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat l-Artikoli 261, 263, 267, 270, 271(g), 278, 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Wara li rat id-dokumenti esebiti;
Wara li semghet il-provi.

Ikkunsidrat:

Fuq nuqqas ta' provi ma ssibx lill-imsemmija mputati Deborah Farrugia u David Vella hajta tal-akkuzi kif dedotti kontriehom u ghaldaqstant tilliberahom.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------